**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 56

**30 ta' Mejju 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**
**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**
**Ronald Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Eugenio Muscat - Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**N/A**

**UFFICCJAL PREZENTI:**
**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

## Minuti

### 56.1 Qari ta' Ittri ta' Apologiji;

56.1.1 Kulhadd kien preżenti ghal-laqgha ghaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

56.2.1 Il-Minuti gew imresqa mis-Sindku ghall-approvazzjoni.

Ma kienx hemm korrezzjoni.

### 56.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

56.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronald Portelli ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekondat.

56.3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv kif ġiet mitluba fl-ahhar laqgha ppreżentat l-invoices tas- sena ta' 2022 u tas-sena 2023 tal-gbir tal-iskart. Fejn infurmat lill-Kunsill li bit-tender il-gdid li jaqa taht ir-responsabilita' tar-Regjun Lvant, qed nhalsu hafna iktar min meta kelna t-tender tal-gbir tal-iskart tah tir-responsabilita' tal-kunsill.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti ssuggerriet li ghalkemm il-Kunsill approva l-pagament ghandna nibaghtu ittra bil-miktub lir-Regjun fejn ninfurmawhom li l-Kunsill qed tigieh spiża akbar mis-sena l-ohra u jixtiequ li ssir meeting biex ikollna spjegazzjoni iktar cara biex nifhmu ahjar ghala qed tigina din l-ispiza.

### 56.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

56.4.1 Is-Sindku beda billi fahhar is-sitwazzjoni finanzjarja li jinsab fiha l-Kunsill fejn wara numru ta' proġetti u inizjattivi li saru matul is-snin il-finanzi tal-kunsill xorta wahda baqaw fis-sod. Ta wkoll rendikont tas-sitwazzjoni ġenerali fi hdan il-kunsill u dwar attivitajiet u inizjattivi li ġejjien.

56.4.2 Is-Sindku ssuggerriexxa biex ghal Settembru li gej nergu naghmlu l-attivita' ta' Festa Rizzi. Huwa fakkar li din dejjem kienet ta' suċċess iżda irridu nippreparaw iktar ghalieha minhabba li dejjem attendew hafna nies.

Il-Kunsill qabel.

56.4.3 Is-Sindku stieden lis-Segretarju Ezekuttiv biex tinfurma lill-Kunsill il-komunikazzjoni li rċeviet minghand l-iskema tal-haddiema CWSEF dwar il-1st Quarterly Appraisal. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandna naghtu lill-haddiema kollha marki tajbin minhabba li jinsabu sodisfatti biex xoghol li qed jaghmlu fil-lokalita' ta' Ta' Xbiex.

56.4.3 Is-Sindku Max Zammit ressaq invit li rċieva minghand il-Klabb ta' Ta' Xbiex SC sabiex is-Sindku ikun preżenti f'dan l-avveniment storiku ghal-lokalita' ta' Ta' Xbiex.

Dan minhabba l-fatt li wara l-Klabb ta' Ta' Xbiex SC rebah il-kampjonat domestiku dawn ikkwaleffikaw fl-ghola kompetizzjoni Ewropea li tezisiti tal-Beach Soccer fil-Portugal, eżattament f'Nazare' (limiti tal-Lisbona). Il-Kunsill qabel unanimament illi ghandu jkollna rappreżentanza hemm, u ghaldaqstant is-Sindku rrakomanda li jkun akkumpanjat minn Kunsillier iehor ghal dan l-avveniment speċjali. Gie maqbul mill-Kunsill unanimament li jitilghu s-Sindku u l-Kunsillier Eugenio Muscat.

56.4.4 Is-Sindku ta' rendikont tas-sitwazzjoni preżenti fejn tidhol l-applikazzjoni ghall-fondi min Norvegia fuq skema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Fuq dan ir-rigward is-Segretarju Ezekuttiv żiedet tghid li hemm cans li nitolbu modifikazzjoni biex il-Kunsill jiehu iktar fondi min Norwegian Funds. Hija ssuggerriet li ghandna nitolbu tal-ispejjez li ghamielna żejda tal-wrapping kif ukoll tal-ismart solar bins li xtrajna mill-fondi tal-kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament.

56.4.5 Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li l-key tal-internet banking tal-BOV trid tinbidel minhabba li hargu l-godda.

Il-Kunsill qabel unanimament li ghandna napplikaw ghal wahda ġdida.

## 56.5 Vakanza Skala 18 u 11;

56.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fakret li ghadna irridu nohorgu l-vakanza ta' skrivan. Wara diskussjoni l-kunsill qabel li ghandna nohorgu il-vakanza iżda minflok ta' skrivan ghandha tinhareg ghal Assistent Ufficjal Principali Skala 11 fuq bażi ta' full time biex b'hekk il-persuna mahtura tkun tista tghin iktar lis-Segretarju Ezekuttiv.

Il-Kunsill qabel unanimament.

56.5.2 Regghet qamet id-diskussjoni dwar kif nistghu nnaqsu l-ispejjez tal-public toilets. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li nistghu nohorgu vakanza skala 18 ghal cleaner biex jnaddaf il-public toilets mis- 1pm sal-11pm u b'hekk innaqsu sewwa l-ispejjez tal-latrini.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 56.6 Connecting Through Culture;

56.6.1 Is-Sindku issuġġerixxa li ghal din is-sena nergu naghmluh fl-istess post tas-sena l-ohra.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li hija taqbel ukoll iżda darbohra tixtieq li nippruvaw nergu naghmluha fil-car park tal-Yacht Marina faċċata tal-ambaxxata u bhala set up naghmlu stage fin-nofs u fuq iz-zewg nahat tal-istage

npoġġu tal-artigjanar.

Il-Kunsill qabel.

56.6.2 Is-Sindku issuġġerixxa ukoll li ghas-sena diehla minhabba li se jkun hemm l-elezzjonijiet tal-Kunsilli u li jistajkun din tahbat mall-istess attivita', ghandna naghmlu din l-attivita' fi żmien l-Ghid.

Il-Kunsill qabel unanimament hekk dejjem tinhareg skema biex inkunu nistghu Ntellaw din l-attivita' minhabba li fix-xitwa ser nziedu aktar spejjez.

56.6.3 Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li ġabet kwotazzjoni ta' logistics manager u stage manager ukoll. Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li ghandna nkelmu l-istess logistic manager tas-sena l-ohra biex ittina prezz u pakettt ahjar u nergu nahdmu mieghu.

## 56.7 Jum Ta' Xbiex;

56.7.1 Is-Sindku ssuggerrixxa li peress li 23 ta' Gunju jinsab fil-vicin bhala post ghandna naghmluh l-istess bhas-sena l-ohra.

Il-Kunsill qabel.

56.7.2 Is-Sindku saqsa lil min ghandna naghtu Gieh Ta' Xbiex din is-sena. Wara diskussjoni dwar kif ghandna naghzlu l-persuna jew persuni li ghandhom jinghataw Gieh Ta' Xbiex.

Is-Sindku qal li ghandna nikkunsidraw li naghtuh lis-Sinjorina Maya Podesta li qeghda tikkompeti fi Small Nation Games u li ghamlet numru ta' suċċessi internazzjonali ghal Malta wara li kisbet numru ta' riżultati prestiġjużi f'hafna kompetizzjonijiet tal-irbudjar fosthom ir-Rolex Middlesea Race li rebhietha iktar minn darba flimkien mat-tim taghha.

Is-Sindku ghamel ukoll referenza lejn ġuvni minn Ta' Xbiex li rebah il-medalja tad-deheb fl-iSpecial Olympics, li l-istess ġuvni l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti kkonfermat l-isem tas- Sur Dylan Lombardi.

## 56.8 Progetti b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali fi hdan il-Kunsill Regjonali Lvant ghas-sena 2023;

56.8.1 Peress li l-laqgha hadet fit-tul, din l-item ser tiġi diskussa fil-laqgha li jmiss.

## 56.9 Tender – Upkeep and Maintenance services of parks, gardens and Soft areas in an environmentally friendly manner;

56.9.1 Peress li l-laqgha hadet fit-tul, din l-item ser tiġi diskussa fil-laqgha li jmiss.

## 56.10 SPI/SCI/03/2023 - Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023;

56.10.1 Is-Sindku qal li d-dipartiment hareg skema fejn ghandna l-opportunita' biex f'Settembru norganizzaw clean up. Is-Sindku ssuggerrixxa li apparti li jsir clean up ghandna nwehlu educational signs fejn naghlmu lin-nies u noholqu awarness aktar favur l-ambjent.

Il-Kunsill qabel unanimament u ddecieda li naghmlu l-attivita' fit-23 ta' Settembru.

## 56.11 SPI/SCI/04/2023 - Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri U Organizzati;

56.11.1 Ser tiġi diskussa fil-laqgha li jmiss.

## 56.12 SPI/SCI/05/2023 - Fond ta Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali;

56.12.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li din l-iskema l-Kunsill ma jistax japplika ghalieha minhabba li diġà bbennefikajna mill-istess fondi s-sena ta' qabel.

## 56.13 Audited Financial Statements;

56.13.1 L-accountant tal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex spjegat fejn l-awditur issuġġerixxa li jsiru emendi. Wara diskussjoni s-Segretarju Ezekuttiv iprezzentat l-Audited Financial Statements ghal approvazzjoni tal-kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 56.14 1st Quarterly Report 2023;

56.14.1 Wara li l-accountant spjegat il- 1st Quarterly Financial Report, is-Segretarju Ezekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-Quarterly Financial Report ghall-perjodu Jannar – Settembru 2023.

Is-Sindku Max Zammit ssekondat mill-Vici Sindku Oriana Calleja ressaq ir-rapport ghal approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 56.15 Attivita' fil-Car Park tal-Yacht Marina;

56.15.1 Is-Sindku qal li avvicinah xi hadd fejn jixtieq jaghmel Food Festival fuq 3 t'ijiem fil-car park tal-Yacht Marina f'Settembru. Il-Kunsill beda jiddiskuti u kkunsidra ukoll l-area rikjesta.

Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jinghata l-permess ghal somma ta' €1000.

## 56.16 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-kunsilliera;

56.16. 1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa rigward l-iskala tal- Assistent Ufficjal Principali Anna Micallef. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li konna rcevejna Memo li meta Assistent Ufficjal Principali jaghmel 5 snin Skala 11 Notch 7 bi dritt jitla Skala 10 minghajr ma jkun hemm ghalfejn tinhareg vakanza interna.

Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sa Anna Micallef titla Skala 10 Notch 7.

## 56.17 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

56.17.1 Ma kinx hemm

## 56.18 Rapporti mill-Kunsilliera;

56.18.1 Ma kinx hemm

## 56.19 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss;

Il-laqgha li jmiss ha ssir l-Erbgha 19 ta' Lulju fil- hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-8.30 ta' filghaxija.

Konfermati llum l-Erbgha 19 ta' Lulju, 2023.

**Max Zammit**
**Sindku**

**Yasmine Tonna**
**Segretarju Ezekuttiv**